**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

**Dottor Michelle Tabone fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J Scicluna Arcisqof ta' Malta, bhala amministratur tal-Entijiet Ekkleziastici kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa**

**Vs**

**Mario Mifsud**

**Rikors Guramentat Numru: 140/2019 SG**

Il-Bord,

Illum 19 ta' Settembru, 2019

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk :

1. *Illi r-rikorrenti nomine hija l-propjretarja tal-fond numru hamsa u tmenin (85) li jinsab gewwa triq San Lawrenz, Vittoriosa kif jidher mil-Land Registry Certificate numru 2443/2007 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.*
2. *Illi dan il-fond kien jinkera lil missier l-intimat, Pawlu Mifsud li miet snin ilu.*
3. *Illi l-intimat ilu ghal diversi snin jokkupa l-fond de quo minghajr ebda titu validu fil-ligi u cioe' sussegwentement ghal mewt ta' missieru Pawlu Mifsud stante li l-istess intimat ma ghandux dritt skond il-ligi jiret din il-kirja;*
4. *Illi fis-snin li ghaddew saru diversi interpellanzi min-naha tar-rikorrenti nomine sabiex l-intimat jizgombra mill-imsemmi fond.*
5. *Illi minkejja diversi interpellanzi u partikolarment l-ittra legali ta' l-1 ta' Awissu 2011 (Dok B) u l-ittra ufficjali numru 868/2019 tas-7 ta' Marzu 2019, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok C, l-intimat*

*ma zgombrax mill-fond de quo izda baqa' jokkupa u ghadu sal-lum jokkupa u juza, l-fond imsemmi illegalment u abbuzivament a detriment tar-rikorrenti nomine.*

6. *Illi r-rikorrenti nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*
7. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq f' din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni jghid l-intimat ghaliex m' ghandux dan il-bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine li qeghda hawn titlob li dan il-Bord joghgbu:*

1. *Jaqta' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Jiddikjara illi l-intimat Mario Mifsud qed jokkupa l-fond numru hamsa u tmenin (85) li jinsab gewwa Triq San Lawrenz Vittoriosa abbuzivament illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante li ma ghandux dritt legali jiret il-kirja minghand missieru u*
3. *Jikkundanna lill-intimat Mario Mifsud jizgombra mill-fond numru hamsa u tmenin (85) li jinsab gewwwa Triq San Lawrenz, Vittoriosa u jhalli l-istess immobbli liberu u battul favur l-attrici nomine fi zmien qasir u perentorju li idn l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra legali tal-1 ta' Awissu 2011 u ta' l-ittra ufficjali numru 868/2019 bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni spettanti lill-esponenti nomine kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*B' rizerva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluz ghall-arretrati.*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur, bid-digriet u bl-Avviz ghas-Smiegh;

Ra li l-intimat deher fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2019 u ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti izda talab zmien ta' bejn tlett xhur u sitt xhur biex jizgombra mill-fond mertu tal-kawza;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti nomine huma proprjetarji tal-fond mertu tal-proceduri odjerni. Stante li ma hemmx kontestazzjoni ghal din il-kawza da parti ta' l-intimat, dan il-Bord sejjer jghaddi biex jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine.

Il-Bord abbazi tar-rizultanzi processwali u ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' l-intimat, iqis li t-talbiet tal-istess rikorrent huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti nomine u jiffissa t-terminu perentorju ta' erba' xhur sabiex l-intimat jizgombra mill-fond numru hamsa u tmenin (85) li jinsab gewwa Triq San Lawrenz Vittoriosa.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu ta' l-intimat.

Dr Simone Grech